

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6037 – Dnata/Alpha Flight Group)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 316/05)

1. Fit-12 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni rċiviet notifika dwar konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Dnata ("Dnata", l-Emirati Għarab Magħquda), ikkontrollata minn Investment Corporation of Dubai ("ICD", l-Emirati Għarab Magħquda) tikseb, fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll fuq l-impriża sħiħa Alpha Flight Group Limited ("Alpha", ir-Renju Unit) permezz tax-xiri tal-ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal Dnata servizzi ta' linja tal-ajru inkluż servizzi ta' ġestjoni tal-ivjaġġar, l-immaniġġjar ta' passiġġieri u merkanzija, servizzi ta' manutenzjoni u servizzi tekniċi oħrajn għal linji tal-ajru madwar id-dinja; tappartjeni lil ICD, fond li huwa proprjetà tal-gvern ta' Dubai b'investimenti f'gamma wiesa' ta' setturi inkluż is-settur finanzjarju, it-trasport (fost l-oħrajn l-Emirates), utilitajiet, ditti industrijali u l-immobiljari,
- għal Alpha: servizzi ta' ikel u xorb waqt titjira lil linji tal-ajru internazzjonali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6037 – Dnata/Alpha Flight Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").